31974R0668

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 668/74 TAL-KUNSILL
tat-28 ta' Marzu 1974
li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 922/72 rigward ir-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna rigward id-dud tal-ħarir

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 845/72 [1] ta' l-24 ta' April 1972 li jistabbilixxi miżuri speċjali biex jinkoraġġixxi t-trobbija tad-dudu tal-ħarir u partikolarment Artikolu 2 (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72 [2] kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 884/73 [2] stabilixxa regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna rigward id-dud tal-ħarir għas-snin tat-trobbija 1972/73 u 1973/74; billi l-esperjenza wriet li l-imsemmi Regolament għandu jkompli japplika għas-snin tat-trobbija futuri,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

F'Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 922/72 il-kliem "għas-snin tat-trobbija 1972/73 u 1973/74" ikunu mħassra.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament ikun applikabbli minn l-1 ta' April 1974.

Dan ir-Regolament ikun jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Marzu 1974.

Għall-Kunsill

Il-President

J. ERTL

---

[1] ĠU L 100, tas-27.4.1972, p. 1.
[2] ĠU L 86, tal-31.3.1973, p. 34.